DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 34/2008

ta' l-14 ta' Marzu 2008

li temenda l-Anness XX (l-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 15/2008 ta' l-1 ta' Frar 2008 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/381/KE ta' l-4 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi kwestjonarju għar-rappurtaġġ dwar kif għandha tiġi applikata d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fil-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ([2]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/803/KE tat-23 ta' Novembru 2006 li temenda d-Deċiżjoni 2005/381/KE li tistabbilixxi kwestjonarju għar-rappurtaġġ dwar kif għandha tiġi japplikata d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fil- Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ([3]) għandha tiġi inkorporata mal-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XX tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1) Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 1f (id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE):

"— **32005 D 0381**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/381/KE ta' l-4 ta' Mejju 2005 (ĠU L 126, 19.5.2005, p. 43), kif emendata bi

— **32006 D 0803**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/803/KE tat-23 ta' Novembru 2006 (ĠU L 329, 25.11.2006, p. 38)."

2) Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 21ao (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/780/KE):

"21ap. **32005 D 0381**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/381/KE ta' l-4 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi kwestjonarju għar-rappurtaġġ dwar kif għandha tiġi applikata d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fil-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 126, 19.5.2005, p 43), kif emendata bi:

— **32006 D 0803**: id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/803/KE tat-23 ta' Novembru 2006 (ĠU L 329, 25.11.2006, p. 38).

([1]) ĠU L 154, 12.6.2008, p. 30.
([2]) ĠU L 126, 19.5.2005, p. 43.
([3]) ĠU L 329, 25.11.2006, p. 38.

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-addattament li ġej:

L-Artikolu 2 għandu jaqra kif ġej:

'Ir-rapporti ta' l-Istati ta' l-EFTA, safejn jikkonċerna Stat ta' l-EFTA, għandhom jiġu sottomessi lill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-EFTA sat-30 ta' Ġunju kull sena u għandhom ikopru s-sena kalendarja ta' qabel mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru. L-ewwel rapport, li jkopri s-sena kalendarja 2008 għandu jasal sat-30 ta' Ġunju 2009.'"

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2005/381/KE u 2006/803/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Marzu 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Marzu 2008.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.